MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

## ONOR. IMĦALLEF LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tal-11 ta' Marzu, 2004

Rikors Numru. 1153/1997/1

John Debattista
vs
Il-Kummissarju tal-Pulizija

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju, 1987 u l-15 ta' Mejju, 1995 u b'mod aktar preciz billi fl-1987, fl-1989 u fl-1995 ir-rikorrent sofra ingustizzja minhabba "transfers" li huwa ssubixxa u li ma kellhom l-ebda gustifikazzjoni;

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:-

1. Ir-rikorrent dahal fil-Korp tal-Pulizija fl-1979. F'April ta' l-1985 huwa sar Surgent. Ir-rikorrent dam perjodu ta' madwar seba' snin stazzjonat fid-Dipartiment tal-Fotografija, u tul dan il-perjodu segwa diversi "courses of instruction" fil-qasam tal-fotografija in konnessjoni mad-

dmirijiet tieghu fil-Korp, fosthom kors gewwa “Detective Training School” fl-Ingilterra (Dokumenti A, B, u C). Tali “courses of instruction” saru sew f’Malta kif ukoll barra minn Malta.

2. Madwar gimgha wara l-elezzjoni ta’ l-1987 ir-rikorrent gie trasferit ghall-Habs Civili biex jaghmel xoghol ta’ gwardjan u fejn huwa spicca jissostitwixxi lill-Pulizija li kienu stazzjonati hemmhekk. Oltre dan ir-rikorrent gie trasferit ghal diversi lokalitajiet ta’ Malta, sussegwentement. B’mod effettiv huwa mhux biss gie li tilef il-post fil-Korp li kien jisthoqq li jibqa’ jokkupa, izda gie impedut milli jsegwi korsijiet aktar avanzati fil-qasam tal-fotografija.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda msemmija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta’ kull xhud dawk il-fatti li ir-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom.

Ghalhekk ir-rikorrent talab lit-Tribunal li jisma’ u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta’ l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji, u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi l-istess rikorrent jirreverti ghall-post li kien jokkupa fid-Dipartiment tal-Fotografija, fejn ukoll huwa jkollu l-possibilita` li jsegwi korsijiet avanzati fil-qasam tal-fotografija, jew jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata li jigi ordnat li r-rikorrent jithallas kumpens xieraq li joghgbu jistabilixxi t-Tribunal fic-cirkostanzi u li ma jkunx jeccedi l-hamest elef liri Maltin.

Ra l-elenku tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mir-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta tal-intimat, li eccepixxa:

1. Illi kwantu l-ilment tar-rikorrent illi huwa gie soggettat ghall xi trasferiment ingust, dan huwa infondat fil-fatt u fid-dritt stante illi kull meta r-rikorrent gie trasferit dan kien semplici posting in linea mal-Kap 164 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. Illi kwantu t-tieni talba sabiex ir-rikorrent jigi mibghut fuq studji esteri din ma tinkwadrax ruhha fil-parametri tal-Artikolu 6 tal-Att VIII tal-1997 u in oltre din hija materja dettata skond ic-cirkostanzi tal-mument u r-rizorsi disponibbli ghall-liema raguni din it-talba wkoll ghandha tigi michuda.

Ra l-elenku tax-xhieda tal-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra.

**PROVI:**

Illi r-rikorrent ipprezenta affidavit fejn qal li dahal fil-Korp fi Frar 1979 u fl-1980 beda jahdem fit-taqsima tal-fotografija. Qal li kien intbaghat isegwi kors fil-fotografija mal-Metropolitan Police fl-Ingilterra u kellu rizultati tajbin. Semma li kien ikun nominat bhala espert tal-Qorti u ntbaghat anki fuq xi kaz l-Awstralja. Zied ighid li ftit jiem wara l-elezzjoni generali f'Mejju 1987 gie trasferit ghax-xoghol fil-Habs Civili ta' Kordin biex jahdem fil-kcina. Ix-xoghol tal-kcina kien jirrikjedi li jkun il-hin kollu prezenti hemm u dan ix-xoghol ma setax jaghmlu peress li hu kien irid imur jattendi s-seduti tal-Qorti hekk kif kien ilu jaghmel dawn l-ahhar snin. Ghalhekk qal li d-Direttur tal-Habs kiteb li ma setax ikompli bix-xoghol u gie moghti trasferiment iehor ghal-Laboratorju fejn spicca jaghmel xoghol fuq 'document investigations'. Qal li f'April 1988 il-Qorti tal-Magistrat innominatu biex imur l-Awstralja u wara ftit xhur gie moghti trasferiment ghad-Distrett taz-Zurrieq. Hu hass li saret ingustizzja mieghu u lmenta li bit-trasferimenti li garrab bata' finanzjarjament ghax tilef l-'ispecialisation allowance'.

In kontro-ezami qal li l-ordni biex jitla' jahdem fid-Documents Section jaghmel xoghol ta' fotografija kienet giet mis-superjuri tieghu dak iz-zmien Dr. Abela Medici. Zied ighid li wara li gie nominat mill-Magistrat dak iz-zmien

Dr. David Scicluna biex imur l-Awstralja, meta gie lura gie trasferit iz-Zurrieq fejn kien jaghmel xoghol ta' surgent izda kompla fuq il-linja specjalizzata tieghu wkoll. Ilmenta li tilef Lm45 allowance fix-xahar u tilef ukoll li jkompli javvanza fil-linja specjalizzata tieghu. Qal li meta rega' mar fil-laboratorju tal-Forensika, fotografi fil-forensika kienu xi hamsa u semma li Schembri t-228 kien ha trasferiment ukoll ghal post iehor.

Xehed Dr. Anthony Abela Medici li kien Principal fil-Forensic Science Laboratory bejn l-1985 u l-1990. Qal li ilu jaf lir-rikorrent mill-1981 meta kien fotografu fis-sezzjoni tal-fotografija li kien unit fil-laboratorju. Zied ighid li r-rikorrent kien wiehed mis-surgenti l-iktar Senior li kien hemm fil-fotografija fejn kien jaghmel hafna xoghol ta' black and white photography u anki fotografija ta' fingertips u ta' dokumenti dak li jkun hemm bzonn fil-laboratorju forensiku. Qal li r-rikorrent kien wiehed mill-ahjar li kellu hemmhekk. Semma li kwalunkwe sezzjoni kull meta jkun hemm elezzjoni l-parti l-kbira tal-pulizija addetti mal-laboratorju forensiku jkunu temporanjament trasferiti fil-pooling booths fejn jiddeciedi l-Kummissarju ta' dak iz-zmien. Qal li dan kien ukoll fir-rigward tas-Surgent Debattista meta ftit qabel l-elezzjoni tal-1987 kien gie trasferit temporanjament banda ohra u wara l-elezzjoni ezatt ghamel perjodu li ma kienx gie lura u wara sar jaf li gie trasferit il-habs. Qal li zgur ir-rikorrent kien ghamel zmien xi xahar jahdem il-habs izda mbaghad irritorna u sal-1988 zgur baqa' jahdem hemm peress li kien intbaghat jaghmel xi xoghol l-Awstralja. Semma wkoll li kellu struzzjonijiet mid-Deputat Kummissarju ta' dak iz-zmien biex lis-Sur Debattista ma jibaghtux fuq scene of the crime imma biex izommu gewwa u ghalhekk hafna drabi kienu jahdmu fl-ufficcju fuq dokumenti, handwritings ecc. Qal li din l-istruzzjoni ma kenitx bil-miktub pero` hu segwiha u kien jaf li kien hemm xi dubji dwar Debattista anke minhabba l-valur tal-karozza tieghu.

Xehed is-Superintendent Ronald Kelly li qal ir-rikorrent gie ingaggat fil-Korp tal-Pulizija fi Frar 1979 bhala Kuntistabbli. Qal li f'Mejju 1980 gie ppustjat il-Forensic Science Laboratory. Qal ukoll li f'April 1985 gie promoss

ghal Surgent u baqa' bhala Fingerprint Expert. Semma li fit-18 ta' Mejju 1987 gie trasferit mill-Forensic Science Laboratory fejn baqa' sal-14 ta' Settembru 1989 meta gie posted iz-Zurrieq. Semma li kien qala trasferimenti ohrajn f'Mejju 1995, intbaghat il-Hamrun u fl-1997 intbaghat Rahal Gdid.

Xehed Joseph Azzopardi li kien irtira mill-Korp tal-Pulizija hdax-il sena ilu fir-rank ta' Supretendent. Semma li kien jaf lir-rikorrent izda ma kienx direttament tahtu. Kien jafu bhala espert tal-fotografija fix-xoghol li kien isir il-Qorti. Dwar transfers fil-fatt ma kienx tahtu la l-Hamrun u anqas iz-Zurrieq u ghalhekk il-kuntatt li kellu mieghu kien meta kien espert tal-fotografija.

Zied li ma jafx xi haga hazina dwar ir-rikorrent jew xi investigazzjonijiet li saru dwar ir-rikorrent. Semma li effettivament darba minnhom hu u dak iz-zmien is-Supretendent Cauchi kienu baghatu ghalih ghaliex kien hemm xi allegazzjoni li qed jonqsu xi affarijiet mid-dipartiment forensiku pero` ma kien irrizulta xejn fil-konfront tar-rikorrent.

Xehed Lawrence Cauchi Assistent Kummissarju mill-1996 li qal li jaf lir-rikorrent fis-sezzjoni tal-fotografija specjalment meta kien imexxi l-prosekuzzjoni fl-inkjesti li kienu jsiru. Zied li kien hemm zmien meta kien Supretendent in charge mill-Fraud Squad waqt li s-Sur Azzopardi kien Supretendent in charge mid-Drug Squad. Qal li d-Deputat Kummissarju Anthony Mifsud Tommasi baghat ghalihom u kien qalilhom li hemm xi allegazzjoni li mill- Laboratorju Forensiku kienet qeghda d-droga li kienet qed tidhol fil-Laboratorju ghall-analizi kienet qed terga' issib ruhha fit-triq speci. Zied li kellhom stqarrija negattiva rilaxxjata mir-rikorrent u ma jaf xejn aktar. Lilu ma kien irrizultalu xejn posittiv tant hu hekk li qatt ma kellu bzonn li jigi mharrek biex jitla' nixhed f'xi kawza kontrieh.

**KONKLUZJONIJIET:**
Illi mit-talba kif esposta jidher car li l-ilment principali tar-rikorrent huwa dak li hu gie moghti diversi trasferimenti. Inoltre kien hemm fil-kors tal-kawza trattazzjoni dwar jekk

ir-rikors jolqotx ukoll il-kors jew korsijiet li r-rikorrent tilef kawza tal-fatt li precedentement kien gie trasferit. Illi fis-17 ta' Ottubru 2000 Dr. Vassallo ghar-rikorrent prezenti ddikjara li l-ilment ma jirrigwardax direttament il-fatt li r-rikorrent ma giex mibghut jaghmel studji ulterjuri fis-sezzjoni tal-fotografija u ghal dawn il-motivi Dr. Mifsud ghall-intimat irtira t-tieni eccezzjoni. Ghal kull bon fini t-Tribunal jaghmel referenza dwar kompetenza ***ratione materiae*** ghall-kawzi fl-ismijiet Agostino Ebejer vs Mediterranean Oilfields Services Company Limited deciza fl-14 ta' Dicembru 1999 u Vincent Gatt vs CGMO deciza fit-13 ta' Ottubru 2003.

Dwar l-ilment principali, ir-rikorrent ilmenta mill-fatt li immedjatament wara l-elezzjoni hu gie trasferit mis-sezzjoni tal-fotografija fejn kien wiehed mill-aktar persuni anzjani u kapaci u specjalizzati u dan ghall-Habs Civili fejn anqas biss seta' jaghmel xogholu sewwa minhabba li spiss hafna kien ikollu jidher il-Qorti in konnessjoni max-xoghol tieghu precedenti. In segwitu kien rega' gie trasferit fil-Laboratorju Forensiku izda minnflok ma jaghmel xoghol ta' fotografija fix-xeni tar-rejati spicca minnflok jahdem ma' Surgent iehor fuq "document investigations". Inoltre ftit wara gie moghti transfer ghad-distrett taz-Zurrieq fejn ghamel 5 snin u nofs u wara ghad-distrett tal-Hamrun. Kien sostna li barra li kien specjalizzat fix-xoghol tieghu hu kellu record ezemplari u kawza tat-transfer li garrab bata finanzjarjament b' xi Lm45 allowances fix-xahar. Dr. Abela Medici li kien Kap tal-Laboratorju Forensiku xehed li d-decizjoni ghat-trasferiment tar-rikorrent kienet ittiehdet minn fuq u hu kien isib lir-rikorrent bhala bniedem kapaci u kien "one of the best if not the best" li qatt kellu hemmhekk u kien "a very good photographer". Hu ma jafx ghaliex ir-rikorrent gie trasferit u semma li huwa l-Kummissarju li huwa responsabbli mill-placings tal-Pulizija. Zied li kellu instructions minghalih mid-Deputy Commissioner ta' dak iz-zmien biex lir-rikorrent izommu gewwa u mhux jiehdu fuq is-Scene of the Crime. L-istruzzjoni moghtija lilu ma kenitx bil-miktub. Kien qallu "to keep him inside" izda d-Deputat Kummissarju kien wera dubji dwar il-valur tal-karozza li kellu r-rikorrent meta hu kellu paga ta' Surgent.

It-Tribunal jirrileva li ma jaghmilx sens li persuna kwalifikata sewwa fil-fotografija li ma jkunx hemm rapporti negattivi serji dwarha tigi trasferita ghall-Ghassa tad-Distrett fejn ma hemm ebda rekwiziti partikolari u hemm tant nies ohra li jistghu jaghmlu dak ix-xoghol. Irid ikun hemm raguni valida biex isir transfer u mhux wahda kapriccuza. Fil-kaz tar-rikorrent l-unika raguni li ssemmiet kienet li d-Deputat Kummissarju kellu certu dubji minhabba l-fatt li r-rikorrent kellu karozza ta' valur qawwi kunsidrat mal-paga li kellu r-rikorrent. Izda din certament mhix sufficjenti biex persuna tinghata transfer u tbati l-konsegwenzi li fil-fatt bata r-rikorrent li tilef Lm45 fix-xahar oltre li tilef l-opportunita` li jkompli jistudja f' dan il-qasam. Fil-kawza "Godwin Pulis vs Segretarju Permanenti fl-Ufficju tal-Prim`Ministru et" deciza fit-23 ta' Marzu, 1999 it-Tribunal qal:

"Meta jsiru domandi lil min ikun responsabbli ghat-transfers it-Tribunal jisma' dejjem li fil-kuntratt tax-xoghol hemm stipulat li dan jista' jsir skond l-esigenzi tas-servizz, kif ukoll li ma hemm ebda ligi li tghidlek li dan irid ikun bil-miktub u li jinghatw r-ragunijiet ghalih. Veru li sfortunatament ma hemmx ligi f'dan ir-rigward, izda f'dan is-seklu ghalkemm il-haddiema ghandhom hafna aktar doveri milli xi whud minnhom jifmu, fl-istess hin hemm id-dover sakrosant li ghandhom jigu stmati bl-ahjar mod possibli. Il-kliem esigenzi tas-servizz mhix xi lokuzzjoni frivola li wiehed jghaddiha bhala passatemp – infatti l-esigenzi tas-servizz iridu veru jirrekjedu hekk. Is-serjeta' titlob ukoll li transfer ikun hemm raguni valida ghalih, u ferm desiderabbli li jinghata bil-miktub jekk kollox hu "above board".

Ghalhekk it-Tribunal isib li d-diversi transfers li saru tar-rikorrent ma kienux gustifikati u jammontaw ghal ingustizzja fit-termini tal-Kap 394, specjalment meta wiehed iqis li r-rikorrent kien persuna specjalizzata u gie trasferit ghal postijiet fejn tali specjalizzazzjoni ma kenitx necessarja u meta ma rrizultat ebda raguni valida ghal dan it-trasferiment. Ghalhekk jichad l-eccezzjoni tal-intimat.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal peress li ghalhekk isib l-ilment gustifikat, u peress li ma jistax f'dan il-kaz jordna rimedju kompensattiv, it-Tribunal jirrikmanda li jsir hlas ta' kumpens ta' elfejn u hames mitt lira [LM2500].

Spejjez kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------